Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0059(COD)

30.10.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE.
(COM(2025)0101 – C10-0047/2025 – 2025/0059(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Malik Azmani

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 104

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE.
(COM(2025)0101 – C10-0047/2025 – 2025/0059(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0101),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0047/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tagħhom***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa.	(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn ***tiegħu jew tagħha, inkluż ir-ritorni ulterjuri lejn pajjiżu jew pajjiżha***. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed jibbaża fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru	***imħassar***

fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha.	(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn***, meta jkun meħtieġ,*** tinħareġ malajr abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li*** l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn u jsiru disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka	(16) L-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn u jsiru disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr

mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.

awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli ***u jindikaw il-pajjiż*** jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn.	(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti***, meta jkun possibbli,*** jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli ***li tindika l-pajjiż*** jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn. ***Meta t-tneħħija sseħħ lejn pajjiż terz li ma kienx indikat fid-deċiżjoni ta' ritorn inizjali, jenħtieġ li dak il-pajjiż terz jiżdied mal-ordni ta' tneħħija, jenħtieġ li d-deċiżjoni ta' ritorn tiġi emendata, jew jenħtieġ li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn ġdida.***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata.	(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata.

Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.	Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti. ***Dan iservi bħala inċentiv addizzjonali biex jiġu skoraġġuti movimenti sekondarji.***
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***Mid-data*** tal-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati*** Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn tkun tista' ssir disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. ***Sal-1 ta' Lulju 2027, ftit aktar minn*** sena wara ***d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina jekk l-Istati Membri jkunux stabbilixxew arranġamenti legali u tekniċi xierqa biex jipproċessaw b'mod effettiv l-Ordnijiet Ewropej ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha*** jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju.	(19) ***Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sad-data*** tal-applikazzjoni ***tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor***, ***jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati*** Membri ***li*** jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn tkun tista' ssir disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Sena wara ***d-dħul fis-seħħ***, jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali ***u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-10 snin***. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.	(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija ***jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu***. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati primarjament	(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu ***jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu jew*** jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati

permezz ta’ ritorn volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f’każ li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. Jenħtieġ li l-miżuri ta’ koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta’ proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.	primarjament permezz ta’ ritorn volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f’każ li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. Jenħtieġ li l-miżuri ta’ koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta’ proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta’ soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b’mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta’ skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11]. Għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul ***itwal***, perjodi ta’ detenzjoni itwal u mill-użu ta’ faċilitajiet speċjalizzati ta’ detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.	(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta’ soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b’mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta’ skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11]. Għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jenħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul, perjodi ta’ detenzjoni itwal u mill-użu ta’ faċilitajiet speċjalizzati ta’ detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.
[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru	[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru

767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet ***jew arranġamenti*** speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim ***jew l-arranġament*** jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim ***jew l-arranġament***. ***Dawn il-ftehimiet*** jew ***arranġamenti*** se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.	(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri ***u l-Unjoni Ewropea*** jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' non-refoulement jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jenħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim. ***Tali ftehimiet*** jew ***arranġamenti*** se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta ***tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta")***.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv tad-drittijiet fundamentali matul it-tneħħijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ ċentralizzat għat-Tneħħijiet fil-Frontex. Dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkun kapaċi jimmonitorja t-tneħħijiet kollha, inklużi dawk li jseħħu lejn u minn pajjiżi terzi li magħhom hemm ftehim, u jkopri l-proċess kollu ta' tneħħija. Il-Mekkaniżmu jenħtieġ li jirrapporta dwar is-sejbiet tiegħu u joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jissostitwixxi l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ nazzjonali eżistenti, u r-riżerva ta' kontrolluri tar-ritorn furzat li bħalissa huma ġestiti mill-Frontex. Għal dak l-għan, huma meħtieġa emendi għar-Regolament dwar il-Frontex.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji	(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] ***wara li tiġi vverifikata kwalunkwe valutazzjoni tal-età preċedenti***. Meta jwettqu valutazzjonijiet

gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

[12] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) L-assistenza u r-rappreżentanza legali jenħtieġ li jikkonsistu fit-tħejjija tal-appell jew tat-talba għal rieżami, inkluż, mill-inqas, it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa skont id-dritt nazzjonali u, fil-każ ta' seduta ta' smigħ, il-parteċipazzjoni f'dik is-seduta quddiem awtorità ġudizzjarja biex jiġi żgurat id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 29b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29b) Sabiex jiġi żgurat li l-assistenza u r-rappreżentanza legali pprovduti skont dan ir-Regolament ikunu adegwati,

jenħtieġ li dawn jiġu pprovduti minn avukat kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].

[1a] Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/5/oj).

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Dan ir-Regolament ma jipprevedix effett sospensiv awtomatiku ta' appell. Madankollu, jenħtieġ li xorta jkun possibbli għal ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta talba għas-sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn. Sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet tar-riskju ta' non-refoulement, jenħtieġ li wieħed jibbaża fuq il-valutazzjonijiet preċedenti, inkluż fil-proċedura tal-ażil. Jenħtieġ li tibqa' r-responsabbiltà taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jindika, fil-ħin, fejn ikun hemm riskju ta' non-refoulement u li jitlob is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'każijiet bħal dawn, u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx applika qabel għal protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jirreferu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz għall-proċedura tal-ażil meta jkun xieraq.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż ***l-24*** xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn ***u bħala l-aħħar alternattiva***. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż ***it-18-il*** xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti ***sistematikament*** mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' ***talbiet*** għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.	(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' ***applikazzjonijiet*** għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni. ***Biex jiġu żgurati ritorni effettivi, jenħtieġ li l-komunikazzjoni mal-entitajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati ta' pajjiż terz.***	(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Id-data personali dwar minorenni mhux akkumpanjati jenħtieġ li tiġi ttrasferita lejn pajjiż ta' oriġini biss wara valutazzjoni bir-reqqa li ssib li t-trasferiment huwa fl-aħjar interess tal-minorenni u mhux se jipperikola l-benesseri tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Sistema komuni għar-ritorni jenħtieġ li tagħmel użu sħiħ mis-sistemi diġitali li jappoġġaw il-ġestjoni tar-ritorni, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni li jkunu mmaniġġjati operazzjonalment fil-livell tal-Unjoni jew mill-Istati Membri, b'enfasi fuq il-proċedura amministrattiva effiċjenti, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà.	(43) Sistema komuni għar-ritorni jenħtieġ li tagħmel użu sħiħ mis-sistemi diġitali li jappoġġaw il-ġestjoni tar-ritorni, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni li jkunu mmaniġġjati operazzjonalment fil-livell tal-Unjoni jew mill-Istati Membri, b'enfasi fuq il-proċedura amministrattiva effiċjenti, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà. ***Id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tar-ritorn, li għandha tiġi regolata fi strument separat, jenħtieġ li tagħti gwida dwar din il-kwistjoni.***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Il-ġbir u l-analiżi ta' statistika affidabbli u komparabbli dwar ir-ritorn, ir-riammissjoni u ***r-riintegrazzjoni*** huma essenzjali għall-monitoraġġ tal-effettività ta' dan ir-Regolament u għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib, peress li jipprovdu informazzjoni intuwittiva siewja dwar l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ritorn, il-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi***, u l-eżiti tal-isforzi għar-riintegrazzjoni***. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti standards u definizzjonijiet komuni għall-ġbir u r-rappurtar ta' data rilevanti biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ta' dan ir-Regolament u biex jikkontribwixxu għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar żviluppi tal-politika futuri.	(45) Il-ġbir u l-analiżi ta' statistika affidabbli u komparabbli dwar ir-ritorn, ir-riammissjoni ***u l-assistenza tal-Frontex*** huma essenzjali għall-monitoraġġ tal-effettività ta' dan ir-Regolament u għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib, peress li jipprovdu informazzjoni intuwittiva siewja dwar l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ritorn, il-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti standards u definizzjonijiet komuni għall-ġbir u r-rappurtar ta' data rilevanti biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ta' dan ir-Regolament u biex jikkontribwixxu għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar żviluppi tal-politika futuri.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-Ordni Ewropea ta' Ritorn u l-forma komuni ta' talbiet għar-riammissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18].	***imħassar***

PR\1330657MT.docx 19/107 PE779.352v01-00

MT

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu ***fi […]***.	(55) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu ***fit-23 ta' Mejju 2025***.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju tal-Istati Membri.	1. Dan ir-Regolament japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju tal-Istati Membri ***jew li qabel ikunu qattgħu xi żmien fit-territorju tal-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "pajjiż tar-ritorn" tfisser wieħed minn dawn li ġejjin:	(3) "pajjiż tar-ritorn" tfisser wieħed minn dawn li ġejjin***, fl-ordni ta' prijorità li ġejja***:

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu se jiġi aċċettat;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test ikkupjat kelma b'kelma mit-tielet inċiż tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva attwali dwar ir-Ritorn 2008/115.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) pajjiż terz, għajr ***dak imsemmi*** fil-punti (a)***, (b) u (g)***, fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu d-dritt li jidħol u jirrisjedi;	(d) pajjiż terz, għajr ***dawk imsemmija*** fil-punti (a) ***u (b)***, fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu d-dritt li jidħol u jirrisjedi;

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) pajjiż terz sikur li fir-rigward tiegħu l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz tkun ġiet miċħuda bħala inammissibbli, skont l-Artikolu 59(8) tar-Regolament (UE) 2024/1348;	***imħassar***

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) pajjiż terz sikur li fir-rigward tiegħu l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz tkun ġiet miċħuda bħala inammissibbli, skont l-Artikolu 59(8) tar-Regolament (UE) 2024/1348;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordni ta' (e) u (f) inbidlet biex tirrifletti l-ordni fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) pajjiż terz li miegħu hemm ftehim	(g) pajjiż terz li miegħu hemm ftehim li

jew arranġament li fuq il-bażi tiegħu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa aċċettat, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.	fuq il-bażi tiegħu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa aċċettat, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "tneħħija" tfisser l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn mill-awtoritajiet kompetenti permezz tat-trasport fiżiku barra mit-territorju tal-Istat Membru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "tneħħija" tfisser l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn mill-awtoritajiet kompetenti permezz tat-trasport fiżiku barra mit-territorju tal-Istat Membru;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjonijiet ta' "tneħħija" u "ritorn volontarju" inqalbu biex jirriflettu l-ordni mibdula tal-Artikoli 12 u 13.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, ***bħal billi jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti,*** għal raġunijiet li mhumiex lil hinn mill-kontroll taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	(7) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, għal raġunijiet li mhumiex lil hinn mill-kontroll taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "operazzjoni ta' ritorn" tfisser operazzjoni li hija organizzata jew ikkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex") jew minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, li permezz tagħha jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stat Membru wieħed jew aktar.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "proċedura ta' riammissjoni"	***imħassar***

tfisser il-passi kollha mwettqa minn awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex"), fir-rigward tal-konferma tan-nazzjonalità ta' ċittadin ta' pajjiż terz, il-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-organizzazzjoni ta' operazzjoni ta' ritorn;

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "applikazzjoni tar-riammissjoni" tfisser talba għall-fini ta' riammissjoni ppreżentata minn awtorità kompetenti lil awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ***li tikkonsisti f'talba għal konferma tan-nazzjonalità*** u ***talba għall-ħruġ ta'*** dokument tal-ivvjaġġar, kif rilevanti;	(10) "applikazzjoni tar-riammissjoni" tfisser talba għall-fini ta' riammissjoni ppreżentata minn awtorità kompetenti lil awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ***għat-talba biex tiġi kkonfermata n-nazzjonalità*** u ***għat-talba biex jinħareġ*** dokument tal-ivvjaġġar, kif rilevanti;

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) "proċedura ta' riammissjoni" tfisser il-passi kollha mwettqa minn awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex"), fir-rigward tal-konferma tan-nazzjonalità ta' ċittadin ta' pajjiż terz, il-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-organizzazzjoni ta'

operazzjoni ta' ritorn;

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "operazzjoni ta' ritorn" tfisser operazzjoni li hija organizzata jew ikkoordinata minn awtorità kompetenti li permezz tagħha jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stat Membru wieħed jew aktar;	***imħassar***

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta japplikaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'konformità sħiħa mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluż il-Karta, mad-dritt internazzjonali rilevanti, mal-obbligi marbuta mal-aċċess għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u mad-drittijiet fundamentali.	Meta japplikaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f'konformità sħiħa mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluż il-Karta, mad-dritt internazzjonali rilevanti, ***inklużi l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal,*** mal-obbligi marbuta mal-aċċess għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u mad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri effiċjenti u proporzjonati biex jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom bil-ħsieb li jwettqu l-proċedura ta' ritorn u jwettqu kwalunkwe verifika addizzjonali meħtieġa, inkluż kwalunkwe verifika tal-vulnerabbiltà u tas-sigurtà.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri effiċjenti u proporzjonati biex jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom bil-ħsieb li jwettqu l-proċedura ta' ritorn u jwettqu kwalunkwe verifika addizzjonali meħtieġa, inkluż kwalunkwe verifika tal-vulnerabbiltà u tas-sigurtà. ***Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, l-Istati Membri għandhom iwettqu tali verifiki addizzjonali billi l-ewwel jivverifikaw il-bażijiet tad-data tal-Unjoni u dawk nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali rilevanti.***

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tinħareġ bil-miktub u tagħti raġunijiet fil-fatt u fil-liġi kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***mingħajr dewmien żejjed***.	2. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tinħareġ bil-miktub u tagħti raġunijiet fil-fatt u fil-liġi kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***malajr kemm jista' jkun***. ***Għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni viżwali f'konformità mal-Artikolu 24 għal dawk li ma jafux jaqraw.***

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta pajjiż ta' ritorn ma jkunx jista' jiġi determinat fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn, deċiżjoni ta' ritorn ***tista'*** tindika proviżorjament pajjiż tar-ritorn wieħed jew aktar.	4. Meta pajjiż ta' ritorn ma jkunx jista' jiġi determinat fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn, deċiżjoni ta' ritorn ***għandha*** tindika proviżorjament ***l-ebda*** pajjiż tar-ritorn ***jew pajjiż tar-ritorn*** wieħed jew aktar***, f'konformità mal-ordni ta' prijorità stabbilita fl-Artikolu 4(3)***.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu, fuq talba, jiġi pprovdut traduzzjoni bil-miktub ***jew orali*** tal-elementi prinċipali tad-deċiżjoni ta' ritorn, kif imsemmi fil-paragrafu 2, inkluża informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.	5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu, fuq talba, jiġi pprovdut traduzzjoni bil-miktub tal-elementi prinċipali tad-deċiżjoni ta' ritorn, kif imsemmi fil-paragrafu 2, inkluża informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem. ***L-Istati Membri jistgħu jużaw skedi ta' informazzjoni jew traduzzjonijiet ġeneralizzati, inklużi traduzzjonijiet iġġenerati mill-magni.***

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-forma tal-Ordni*** Ewropea ta' Ritorn ***imsemmija fil-paragrafu 7. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(2)***.	8. ***Mal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn, l-elementi ewlenin tagħha għandhom jiddaħħlu fil-formola ("Ordni*** Ewropea ta' Ritorn***") stabbilita fl-Anness I u għandhom ikunu disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860 jew permezz ta' skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 38***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma' dan ir-Regolament għandu jiżdied Anness għall-formola standard.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed fil-pajjiż illegalment ("Stat Membru tal-infurzar") ***jista'*** jirrikonoxxi deċiżjoni ta' ritorn ***infurzabbli*** maħruġa lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz minn Stat Membru ieħor ("Stat Membru emittenti") skont l-Artikolu 7(1), abbażi tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn imsemmija fl-Artikolu 7(7), u fuq din il-bażi għandu jordna t-tneħħija skont l-Artikolu ***12***.	1. L-Istat Membru fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed fil-pajjiż illegalment ("Stat Membru tal-infurzar") ***għandu*** jirrikonoxxi ***u jinforza*** deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz minn Stat Membru ieħor ("Stat Membru emittenti") skont l-Artikolu 7(1), abbażi tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn imsemmija fl-Artikolu 7(7), u fuq din il-bażi għandu jordna t-tneħħija ***taċ-ċittadin ta' pajjiż terz*** skont l-Artikolu ***13a***.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sal-1 ta' Lulju 2027, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3, abbażi ta' valutazzjoni ta' jekk l-arranġamenti legali u tekniċi stabbiliti mill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli l-Ordni Ewropea ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imsemmija fl-Artikolu 7(7) humiex effettivi. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni meħuda f'konformità mal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli maħruġa minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(1) lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fit-territorju tagħhom abbażi tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn imsemmija fl-Artikolu 7(7), u għandhom jordnaw it-tneħħija tagħhom f'konformità mal-Artikolu 12.	***imħassar***

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn Stat Membru ma jirrikonoxxix jew ma jinfurzax deċiżjoni ta' ritorn skont il-paragrafu ***1 jew 3***, dak l-Istat Membru għandu joħroġ deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 7.	5. Fejn Stat Membru ma jirrikonoxxix jew ma jinfurzax deċiżjoni ta' ritorn skont il-paragrafu ***4***, dak l-Istat Membru għandu joħroġ deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 7***, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9 ta' dak l-Artikolu jew għall-Artikolu 8***.

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istat Membru tal-infurzar ***jista'*** jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat mill-Frontex, ***u fuq talba tal-Istat Membru tal-infurzar, l-Istat Membru emittenti għandu jikkumpensa lill-Istat*** Membru tal-infurzar ***b'ammont li ma għandux jaqbeż il-kostijiet reali mġarrba mill-Istat Membru tal-infurzar***. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-kriterji xierqa għad-determinazzjoni tal-ammont u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat*** f'konformità ***mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2)***.	9. L-Istat Membru tal-infurzar ***għandu*** jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat mill-Frontex, ***l-Istat*** Membru tal-infurzar ***jista' jirċievi appoġġ finanzjarju addizzjonali pprovdut mill-fondi korrispondenti tal-Unjoni*** f'konformità ***mal-atti legali li jirregolaw tali fondi***.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12***;	a. ***ma ġiex irrispettat l-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 13a***;

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien stabbiliti*** f'konformità mal-Artikolu 13;	b. ***iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija*** f'konformità mal-Artikolu 13;

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk deċiżjoni ta' ritorn għandhiex tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jew le, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem ***jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem***.	3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem. ***Għandha tingħata spjegazzjoni viżwali għal dawk li ma jafux jaqraw f'konformità mal-Artikolu 24***.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr	4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr

ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, fejn ġustifikat abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.	ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, fejn ġustifikat abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. ***Il-projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi imposta u nnotifikata wara li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali ***għal massimu ta' 10 snin***.	6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali. ***B'mod partikolari, meta:***

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx ikkonforma mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien determinati skont l-Artikolu 12, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul

għal massimu ta' sentejn;

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija skont l-Artikolu 13, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul għal massimu ta' 10 snin;

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul għal massimu ta' 20 sena;

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-

kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2017/541 tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill[1a] jew ikun wettaq delitti tal-gwerra kif definiti fl-Artikolu 8 tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tas-17 ta' Lulju 1998, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw projbizzjoni fuq id-dħul għal żmien illimitat.

[1a] Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/541/oj).

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra ***meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz***:	1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra ***f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż minħabba raġunijiet umanitarji, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali***.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;	***imħassar***

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ma kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-passat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.	3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. ***Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi infurmat dwar dik il-possibbiltà f'konformità mal-Artikolu 24.***

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Tneħħija	
1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn għandu jitneħħa meta:	
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;	
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;	
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;	
d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13.	
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija.	
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.	
4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda	

biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. Fit-twettiq ta' tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE.

6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

---

[26] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/573/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordni tal-Artikoli 12 u 13 inqalbet biex tirrifletti l-prijorità politika tar-ritorni volontarji.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni*** ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.	1. ***Deċiżjoni*** ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ***ma għandhiex taqbeż it-30*** jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.	2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ***għandha tkun bejn 7 u 30*** jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità	3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità

mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali***, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21***. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***f'konformità mal-Artikolu 24***.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu ***12***.	4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu ***13a***.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Tneħħija
	1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn għandu jitneħħa meta:
	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-

proċess ta' ritorn, għall-kuntrarju tal-Artikolu 21;

b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu ddeterminat skont l-Artikolu 13;

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;

d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data ddeterminata skont l-Artikolu 13;

e. l-Istat Membru tal-infurzar jirrikonoxxi deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli, u, meta jkun rilevanti, ordni ta' tneħħija, maħruġa minn Stat Membru ieħor ("Stat Membru emittenti") skont l-Artikolu 9(1).

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija. Meta l-pajjiż ta' ritorn indikat fid-deċiżjoni ta' ritorn ikun differenti mill-pajjiż magħżul għat-tneħħija jew ma jkunx indikat fid-deċiżjoni ta' ritorn, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi nnotifikat kif xieraq, inkluż fir-rigward tad-deċiżjoni finali dwar il-pajjiż ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ineħħu ċittadini ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat iressaq l-elementi l-ġodda malajr kemm jista' jkun. Meta ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx applika qabel għal protezzjoni internazzjonali, il-valutazzjoni għandha ssir biss fuq talba. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq kemm jista' jkun malajr kwalunkwe element

rilevanti li jikkonċerna ċ-ċirkostanzi personali tiegħu sabiex jissostanzja t-talba tiegħu li t-tneħħija f'dan il-każ tikser il-prinċipju ta' non-refoulement.

4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità tal-bniedem u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. Fit-twettiq ta' tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2004/573/KE.

6. Fi kwalunkwe stadju tal-proċess, għandha tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri li jiffaċilitaw jew jippermettu r-ritorn volontarju ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun soġġett għal tneħħija skont il-paragrafu 1. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw l-obbligi ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz stabbiliti fl-Artikolu 21, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordni tal-Artikoli 12 u 13 inqalbet biex tirrifletti l-prijorità politika tar-ritorni volontarji.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tneħħija skont l-Artikolu ***12*** għandha tiġi posposta fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	1. It-tneħħija skont l-Artikolu ***13a*** għandha tiġi posposta fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tneħħija skont l-Artikolu ***12*** tista' tiġi posposta ***għal perjodu xieraq***, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	2. It-tneħħija skont l-Artikolu ***13a*** tista' tiġi posposta, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom ***jipprovdu*** liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi*** l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu.	4. Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom ***jinformaw*** liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***f'konformità mal-Artikolu 24, billi jistabbilixxu*** l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu ***mingħajr dewmien żejjed***.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew ***il-paragrafu*** 2 ***għandha tiġi riežaminata*** regolarment***, u mill-inqas kull 6 xhur***.	5. ***Il-posponiment tat-tneħħija*** f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2 ***għandu jiġi riežaminat*** regolarment ***u fi kwalunkwe każ jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu***.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet*** fundamentali matul ***l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu*** ta' monitoraġġ ***indipendenti b'mezzi xierqa***.	1. ***Sabiex jiġi mmonitorjat ir-rispett għad-drittijiet*** fundamentali matul ***it-tneħħija***, ***għandu jiġi stabbilit Mekkaniżmu Ewropew*** ta' Monitoraġġ ***ċentralizzat għat-Tneħħijiet fil-Frontex f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896***.

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ***indipendenti*** għandu jagħżel ***l-operazzjonijiet ta' tneħħija*** biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq	2. Il-Mekkaniżmu ***Ewropew*** ta' Monitoraġġ ***għat-Tneħħijiet għandu jkun kompetenti biex jimmonitorja it-tneħħijiet kollha, inklużi dawk mhux ikkoordinati jew iffinanzjati mill-Frontex, u dawk diretti lejn u minn pajjiż terz li miegħu***

il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti***.

hemm ftehim skont l-Artikolu 17. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet għandu jagħżel ***it-tneħħijiet*** biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u ***għandu*** jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. ***Il-monitoraġġ għandu jkopri t-tneħħija kollha, mill-fażi ta' qabel it-tluq sat-trasferiment tal-persuni ripatrijati fil-pajjiż terz tar-ritorn***.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Allegazzjonijiet sostanzjati*** ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul ***l-operazzjonijiet ta' tneħħija*** għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti ***mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ***. ***L-awtoritajiet kompetenti*** għandhom ***jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet*** b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	3. ***Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet għandu jimmonitorja l-konformità tat-tneħħijiet mal-prinċipji u mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5 u għandu jirrapporta dwar is-sejbiet tiegħu, inkluża kwalunkwe allegazzjoni sostanzjata*** ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul ***it-tneħħija***. ***Dawk is-sejbiet*** għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti***, lid-direttur eżekuttiv tal-Frontex, lill-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali tal-Frontex, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali***. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw li kwalunkwe allegazzjoni sostanzjata ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul it-tneħħijiet tiġi ttrattata*** b'mod effettiv u ***għandhom*** mingħajr dewmien żejjed ***jagħtu bidu, meta jkun meħtieġ, għal investigazzjonijiet dwar tali allegazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tnehħijiet għandu jimmonitorja l-progress ta' kwalunkwe azzjoni meħuda fil-livell nazzjonali b'rispons għall-monitoraġġ tiegħu u għandu jkollu s-setgħa li joħroġ rakkomandazzjonijiet annwali lill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tnehħijiet minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li ġejjin u għandhom jiżguraw aċċess għall-postijiet u għad-dokumenti rilevanti kollha, sa fejn tali aċċess ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tnehhijiet fil-valutazzjoni tagħha tal-applikazzjoni u tal-implimentazzjoni effettivi tal-Karta f'konformità mal-Artikolu 15(1) u l-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu ***12***.	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu ***13a***.

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 ***li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin***;	a. soġġett għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa skont l-Artikolu 10;

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim ***jew arranġament***	Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim ***jew arranġament*** ma' pajjiż terz***.*** Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ***ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem*** f'konformità ***mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta'***	1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim ma' pajjiż terz ***u għandu jitqies biss għal dawk li, minkejja appoġġ adegwat, ma jirritornawx volontarjament jew ma jistgħux jiġu rritornati bil-forza lejn wieħed mill-pajjiżi l-oħra ta' ritorn*** f'konformità ***mal-ordni ta' prijorità***

non-refoulement, jiġu rispettati.	***stabbilita fl-Artikolu 4(3)***.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Stat Membru jew l-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz skont il-paragrafu 1. Tali ftehim għandu jkun f'konformità mal-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ftehim ***jew arranġament*** skont il-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi dan li ġej:	2. Ftehim skont il-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi dan li ġej:

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru u ta' dak il-pajjiż terz;	b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru ***jew l-Unjoni*** u ta' dak il-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. l-obbligi tal-pajjiż terz imsemmi ***fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1***;	d. l-obbligi tal-pajjiż terz imsemmi ***fil-paragrafu 1a***;

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim ***jew l-arranġament***;	e. korp jew mekkaniżmu indipendenti***, b'riżorsi u mezzi xierqa,*** għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim;

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. il-monitoraġġ tat-tneħħijiet imwettqa skont l-Artikolu 15;

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim ***jew arranġament*** jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.	f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma jikkonkludu ftehim ***jew arranġament*** skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.	3. Qabel ma jikkonkludu ftehim skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew*** u lill-Istati Membri l-oħra.

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati,	Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati,

biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.	biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni. ***Valutazzjoni tal-età mwettqa fi proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji preċedenti fi kwalunkwe Stat Membru tista' titqies sufiċjenti sabiex tiġi ddeterminata l-età ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jgħid li huwa minorenni.***
	Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjat, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.	***imħassar***
	Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Rappreżentant ***jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw***, ***jassistu*** u ***jagixxu***, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni	2. Rappreżentant ***għandu jinħatar mingħajr dewmien żejjed wara d-determinazzjoni tal-età ta' ċittadin ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 19 biex jirrappreżenta jassisti*** u ***jagixxi***, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ***jagixxi***

adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.	***b'mod indipendenti,*** ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem ***jew jaħdem flimkien ma' interpretu jew traduttur***. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva. ***L-awtorità kompetenti tista' taħtar persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-interessi tal-minorenni sakemm jinħatar rappreżentant.***

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa ***msemmija*** fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn.	3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa ***li tkun qed taġixxi proviżorjament f'isem il-minorenni sakemm jinħatar rappreżentant kif imsemmi*** fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew ***li jkun hemm*** faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati ***disponibbli*** fil-pajjiż ta' ritorn.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligu ta' kooperazzjoni	Obbligu ta' kooperazzjoni ***u disponibbiltà matul il-proċess ta' ritorn***

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni ***u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri***. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini ***tal-Artikolu 5***, mingħajr dewmien żejjed.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***għandhom jirrispettaw l-obbligu tagħhom li jitilqu mit-territorju tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(1) u*** għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini ***ta' dan ir-Regolament***, mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru ***kompetenti għall-proċedura ta' ritorn, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun is-***	a. jibqgħu ***disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti*** fit-territorju tal-Istat Membru u ma jaħarbux ***f'konformità***

soġġett għaliha, u ma jaħarbux ***lejn Stat Membru ieħor***;	***mal-Artikolu 21(3), u, b'mod partikolari jippreżentaw ruħhom għat-tluq għat-trasport ta' ritorn***;

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ma jeqirdux jew inkella ma jiddisponux minn dawn id-dokumenti***, ma jużawx psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, ma jipprovdu informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella ma jopponux b'mod frawdolenti l-proċedura*** ta' ritorn jew riammissjoni;	c. ma jeqirdux jew inkella ma jiddisponux minn dawn id-dokumenti ***bil-ħsieb li jostakolaw il-proċedura*** ta' ritorn jew riammissjoni;

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. ma jużawx psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, jipprovdu informazzjoni falza oħra bil-fomm, bil-miktub jew b'xi mod ieħor, bl-iskop li jqarrqu bl-awtoritajiet u jopponu b'mod frawdolenti r-ritorn jew ir-riammissjoni legali;

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. jipprovdu dettalji ta' kuntatt preċiżi, inkluż il-post ta' residenza attwali, l-indirizz, in-numru tat-telefown fejn jistgħu jintlaħqu u, fejn disponibbli, indirizz tal-posta elettronika;	g. jipprovdu***, meta mitluba mill-awtoritajiet kompetenti,*** dettalji ta' kuntatt preċiżi, inkluż il-post ta' residenza attwali, l-indirizz, in-numru tat-telefown fejn jistgħu jintlaħqu u, fejn disponibbli, indirizz tal-posta elettronika;

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. jibqgħu disponibbli f'konformità mal-Artikolu 23 matul il-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni, u b'mod partikolari jidhru għat-tluq għat-trasport għar-ritorn;	***imħassar***

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
l. fejn ikun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti, jipparteċipaw fil-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex jiġi żgurat ritorn malajr, effiċjenti u effettiv, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a), u jkunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:
	a. l-allokazzjoni għal żona ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament;
	b. ir-residenza f'indirizz speċifiku;
	c. ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli raġonevoli.
	Dan il-paragrafu għandu japplika biss sa fejn ikun kompatibbli mal-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.
	Id-deċiżjonijiet meħuda skont il-punti (b) u (c), għandhom jittieħdu bil-miktub u f'konformità mal-Artikolu 24, għandhom ikunu proporzjonati u għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Fir-rigward tal-informazzjoni u tad-dokumentazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissospendu r-rekwiżit fuq talba

taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Deċiżjoni biex jiġi sospiż ir-rekwiżit għandha tittieħed b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali. Fil-każ ta' deċiżjoni negattiva, għandhom jingħataw raġunijiet f'konformità mal-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati jekk l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ir-rifjut jew l-irtirar tal-permess tax-xogħol, skont id-dritt nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7);	***imħassar***

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) il-penali finanzjarji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 23	***imħassar***
Disponibbiltà għall-proċess ta' ritorn	
1. Biex jiġi żgurat ritorn rapidu, effiċjenti u effettiv, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:	
a. l-allokazzjoni għal żona ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament;	
b. ir-residenza f'indirizz speċifiku;	
c. ir-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli raġonevoli.	
2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss sa fejn ikun kompatibbli	

mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.

3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex:

a. jitilqu temporanjament miż-żona ġeografika għal raġunijiet tal-familja urġenti u serji debitament ġustifikati jew għal trattament mediku meħtieġ li ma jkunx disponibbli fiż-żona ġeografika;

b. jirrisjedu temporanjament barra mill-post iddeżinjat f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b);

c. temporanjament ma jikkonformawx mal-obbligu ta' rappurtar.

4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw raġunijiet jekk dan il-permess ma jingħatax.

5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati jekk l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti.

6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandhom isiru bil-miktub, ikunu proporzjonati u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 23 ġie integrat fl-Artikolu 21.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji;	a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli***, inklużi l-assistenza u r-rappreżentanza,*** u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji;

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-proċedura ta' ritorn kif stabbilit fl-Artikolu 21 ***u l-Artikolu 23***, il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità skont l-Artikolu 22, l-eżistenza ta' allert dwar ritorn fuq il-persuna fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 9;	b. id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-proċedura ta' ritorn kif stabbilit fl-Artikolu 21, il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità skont l-Artikolu 22, l-eżistenza ta' allert dwar ritorn fuq il-persuna fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 9;

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed b'lingwa sempliċi u aċċessibbli u b'lingwa	2. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed b'lingwa sempliċi u aċċessibbli u b'lingwa

li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jifhem jew li huwa raġonevolment mistenni li jifhem, inkluż permezz ta’ traduzzjoni u interpretazzjoni bil-miktub jew orali kif meħtieġ. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta’ folji ta’ informazzjoni standard, f’forma stampata jew elettronika. Fil-każ ta’ minuri, l-informazzjoni għandha tingħata b’mod imfassal apposta għat-tfal u adattat għall-età tagħhom bl-involviment tad-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew tar-rappreżentant kif imsemmi fl-Artikolu 20(2). ***Iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz għandu jingħata l-opportunità li jikkonferma li jkun/tkun irċieva/iet l-informazzjoni***.	li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jifhem jew li huwa raġonevolment mistenni li jifhem, inkluż permezz ta’ traduzzjoni u interpretazzjoni bil-miktub jew orali kif meħtieġ. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta’ folji ta’ informazzjoni standard, f’forma stampata jew elettronika. Fil-każ ta’ minuri, l-informazzjoni għandha tingħata b’mod imfassal apposta għat-tfal u adattat għall-età tagħhom bl-involviment tad-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew tar-rappreżentant kif imsemmi fl-Artikolu 20(2). ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi spjegazzjoni viżwali fil-fuljetti għal dawk li ma jafux jaqraw. Dawk il-fuljetti għandhom jitfasslu b’tali mod li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimlewhom b’informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru kkonċernat u għandhom iqisu l-ispeċifiċitajiet ta’ applikanti vulnerabbli bħal minorenni jew persuni b’diżabilità***.
	Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz għandu jingħata l-opportunità li jikkonferma li jkun irċieva l-informazzjoni.
	Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każ ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja f'konformità mal-Artikolu 27, l-Istati Membri għandhom, fuq talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jiżguraw li jsiru disponibbli assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas kif meħtieġ biex jiġi żgurat id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust.	1. Fil-każ ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja f'konformità mal-Artikolu 27, l-Istati Membri għandhom, fuq talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jiżguraw li jsiru disponibbli assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas kif meħtieġ biex jiġi żgurat id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust. ***Din l-assistenza ma għandha taffettwa l-ebda assistenza prevista skont ir-Regolament (UE) 2024/1348.***

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-assistenza u r-rappreżentanza legali għandhom jikkonsistu fit-tħejjija tal-appell jew tat-talba għal rieżami, inkluż, mill-inqas, it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa skont id-dritt nazzjonali u, fil-każ ta' seduta ta' smigħ, il-parteċipazzjoni f'dik is-seduta quddiem awtorità ġudizzjarja biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tad-difiża. Din l-assistenza ma għandha taffettwa l-ebda assistenza prevista skont ir-Regolament (UE) 2024/1348.	***imħassar***

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jiġu pprovduti minn konsulenti legali jew persuni oħra kwalifikati kif xieraq, kif ammess jew permess skont iid-dritt nazzjonali, li l-interessi tagħhom ma jkunux f'kunflitt ***jew ma jistgħux potenzjalment ikunu f'kunflitt*** ma' dawk taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.	4. L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jiġu pprovduti minn konsulenti legali jew persuni oħra kwalifikati kif xieraq, kif ammess jew permess skont iid-dritt nazzjonali, li l-interessi tagħhom ma jkunux f'kunflitt ma' dawk taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. jimponu limiti monetarji jew ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas, dment li dawn il-limiti ma jkunux arbitrarji u ma jirrestrinġux bla bżonn l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***u lanqas ma jimminaw l-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża***;	a. jimponu limiti monetarji jew ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas, dment li dawn il-limiti ma jkunux arbitrarji u ma jirrestrinġux bla bżonn l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas;

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jitolbu rimborż totali jew parzjali	b. jitolbu rimborż totali jew parzjali

ta' ***kwalunkwe kost imġarrab*** meta s-sitwazzjoni finanzjarja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun tjiebet matul il-proċedura ta' ritorn jew meta d-deċiżjoni li tingħata assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas tkun ittieħdet fuq il-bażi ta' informazzjoni falza pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz;	tal-kostijiet imġarrba meta s-sitwazzjoni finanzjarja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun tjiebet konsiderevolment matul il-proċedura ta' ritorn jew meta d-deċiżjoni li tingħata assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas tkun ittieħdet fuq il-bażi ta' informazzjoni falza pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, għal liema għan iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinfurmaw immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom;
	Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. jipprevedu li, fir-rigward ***ta' tariffi*** u ***kostijiet*** u rimborżi oħra, it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkun ugwali għal, iżda mhux aktar favorevoli mit-trattament ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom fi kwistjonijiet relatati mal-assistenza legali.	c. jipprevedu li, fir-rigward ***tal-aċċess, tat-tariffi*** u ***tal-kostijiet*** u ***ta'*** rimborżi oħra, it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkun ugwali għal, iżda mhux aktar favorevoli mit-trattament ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom fi kwistjonijiet relatati mal-assistenza legali.
	Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi li jirregolaw il-mod li bih it-talbiet għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas jiġu ppreżentati u pproċessati, jew japplikaw regoli eżistenti għal talbiet	8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi li jirregolaw il-mod li bih it-talbiet għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas jiġu ppreżentati u pproċessati, jew japplikaw regoli eżistenti għal talbiet

domestiċi ta' natura simili, dment li dawk ir-regoli ma jrendux l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas eċċessivament diffiċli jew impossibbli.	domestiċi ta' natura simili, dment li dawk ir-regoli ***ma jkunux aktar restrittivi jew*** ma jrendux l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas eċċessivament diffiċli jew impossibbli.

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jingħata rimedju effettiv biex jikkontesta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu ***12(2)*** quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti.	1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jingħata rimedju effettiv biex jikkontesta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu ***13(2)*** quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti.

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' non-refoulement tiġi vverifikata mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti, fuq it-talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew ex officio.	***imħassar***

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibdew jiddekorru mid-data meta kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(2) tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ***jew minn data oħra li għandha tiġi ddeterminata mid-dritt nazzjonali,*** notevolment meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ħarab.	2. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibdew jiddekorru mid-data meta kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(2) tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, notevolment meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ħarab.

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tinħareġ projbizzjoni fuq id-dħul flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn kif imsemmi fl-Artikolu 7, din għandha tiġi appellata flimkien ma' dik id-deċiżjoni ta' ritorn, quddiem l-istess awtorità ġudizzjarja u fl-istess proċediment ġudizzjarju u fl-istess limiti ta' żmien. Meta projbizzjoni fuq id-dħul tinħareġ separatament mid-deċiżjoni ta' ritorn jew tkun l-unika deċiżjoni li għandha tiġi kkontestata, din tista' tiġi appellata separatament. Il-limiti ta' żmien biex jitressaq dan il-proċedimenti ġudizzjarji separati għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti f'każ fejn il-projbizzjoni fuq id-dħul tiġi appellata flimkien mad-deċiżjoni ta' ritorn.	4. Meta tinħareġ projbizzjoni fuq id-dħul ***jew ordni ta' tneħħija*** flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn kif imsemmi fl-Artikolu 7, din għandha tiġi appellata flimkien ma' dik id-deċiżjoni ta' ritorn, quddiem l-istess awtorità ġudizzjarja u fl-istess proċediment ġudizzjarju u fl-istess limiti ta' żmien. Meta projbizzjoni fuq id-dħul tinħareġ separatament mid-deċiżjoni ta' ritorn jew tkun l-unika deċiżjoni li għandha tiġi kkontestata, din tista' tiġi appellata separatament. Il-limiti ta' żmien biex jitressaq dan il-proċedimenti ġudizzjarji separati għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti f'każ fejn il-projbizzjoni fuq id-dħul tiġi appellata flimkien mad-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Effett sospensiv	***Effetti ta' appell***

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-infurzar tad-deċiżjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu ***12(2)***, għandu jiġi sospiż ***sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem awtorità ġudizzjarja tal-prima istanza msemmija fl-Artikolu 27***.	1. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw talba biex jiġi sospiż l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn.*** L-infurzar tad-deċiżjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu ***13a(2)***, għandu jiġi sospiż ***biss sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement f'konformità mal-Karta***.

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jingħataw id-dritt li jippreżentaw applikazzjoni għas-sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem awtorità***	2. Awtorità ġudizzjarja għandu jkollha s-setgħa li tiddeċiedi, wara eżaminazzjoni kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tad-dritt, jekk l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn għandux jiġi sospiż sakemm joħroġ l-eżitu tar-rimedju.

ġudizzjarja tal-prima istanza msemmija fl-Artikolu 27. Awtorità ġudizzjarja għandu jkollha s-setgħa li tiddeċiedi, wara eżaminazzjoni kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tad-dritt, jekk l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn għandux jiġi sospiż sakemm joħroġ l-eżitu tar-rimedju. ***L-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn għandu jiġi sospiż fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.***

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jiġi ppreżentat appell ulterjuri kontra l-ewwel deċiżjoni dwar l-appell jew dik sussegwenti, l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn ma għandux jiġi sospiż sakemm iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***ma jitlobx*** sospensjoni u awtorità ġudizzjarja kompetenti ma tiddeċidix li tagħtiha, b'kont meħud kif xieraq taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	3. Meta jiġi ppreżentat appell ulterjuri kontra l-ewwel deċiżjoni dwar l-appell jew dik sussegwenti, l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn ma għandux jiġi sospiż sakemm iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma ***jerġax jitlob*** sospensjoni u awtorità ġudizzjarja kompetenti ma tiddeċidix li tagħtiha, b'kont meħud kif xieraq taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 29	***imħassar***
Raġunijiet għad-detenzjoni	
1. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament fuq il-bażi ta'	

valutazzjoni individwali ta' kull każ u biss sa fejn id-detenzjoni tkun proporzjonata.

2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn jew it-twettiq tat-tneħħija.

3. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi detenut biss abbażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet għad-detenzjoni li ġejjin:

a. jkun hemm riskju ta' ħarba li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 30;

b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija;

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskji għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16;

d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;

e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.

4. Dawk ir-raġunijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa

persuna vulnerabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordni tal-Artikoli 29, 30, 31 inbidlet biex tirrifletti s-sekwenza proċedurali tal-applikazzjoni tad-detenzjoni, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu ta' alternattivi għad-detenzjoni. L-ordni l-ġdida hija: riskju ta' ħarba, alternattivi għad-detenzjoni, raġunijiet ta' detenzjoni.

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***iiċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jew ***deċiżjoni ta' infurzar*** maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż illegalment, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;	b. ***iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jew ***ordni ta' tneħħija*** maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż illegalment, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;

Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. nuqqas ta' konformità mal-miżuri skont l-Artikolu ***23***.	c. nuqqas ta' konformità mal-miżuri skont l-Artikolu ***21(3)***.

Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali ***u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji*** li ġejjin ***rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat***:	2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. ***Il-kriterji*** li ġejjin ***jistgħu jindikaw riskju ta' ħarba***:

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2)***, il-punti (a) sa (k)***;	d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2);

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu	***imħassar***

21(2), il-punt (l);

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod ***vjolenti***;	g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod ***fiżiku***;

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.	***imħassar***

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba	1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati biss ***meta tapplika mill-inqas waħda mir-raġunijiet għad-detenzjoni elenkati fl-Artikolu 31a(3),*** filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz

vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.	ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. l-obbligu ta' residenza f'post iddeżinjat mill-awtoritajiet kompetenti;	c. l-obbligu ta' residenza f'post iddeżinjat mill-awtoritajiet kompetenti ***bħala alternattiva għal arranġamenti ta' kustodja, b'enfasi partikolari fuq it-tfal, in-nisa u persuni vulnerabbli oħra***;

Or. en

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu notifikati dwar kwalunkwe deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għandhom jiġu infurmati dwar il-konsegwenza tan-nuqqas ta' konformità ma' dik id-deċiżjoni, inkluż skont l-Artikolu ***29(3)***, il-punt (e), u r-rimedji legali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.	4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu notifikati dwar kwalunkwe deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għandhom jiġu infurmati dwar il-konsegwenza tan-nuqqas ta' konformità ma' dik id-deċiżjoni, inkluż skont l-Artikolu ***31a(3)***, il-punt (e), u r-rimedji legali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiġu rieżaminati malajr minn awtorità ġudizzjarja fuq applikazzjoni mill-persuna kkonċernata jew ex officio***, u mhux aktar tard minn xahrejn***.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiġu rieżaminati malajr ***kemm jista' jkun*** minn awtorità ġudizzjarja fuq applikazzjoni mill-persuna kkonċernata jew ex officio.

Or. en

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 31a
	Raġunijiet għad-detenzjoni
	1. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament abbażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ u biss sa fejn id-detenzjoni tkun proporzjonata u bħala miżura tal-aħħar istanza.
	2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn jew it-twettiq tat-tneħħija.
	3. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi detenut biss abbażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet għad-detenzjoni li ġejjin:
	a. ikun hemm riskju ta' ħarba li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 30;
	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess

ta' tneħħija;

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskji għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16;

d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;

e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 30.

4. Dawk ir-raġunijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-Artikolu 24.

6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ordni tal-Artikoli 29, 30, 31 inbidlet biex tirrifletti s-sekwenza proċedurali tal-applikazzjoni tad-detenzjoni, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu ta' alternattivi għad-detenzjoni. L-ordni l-ġdida hija: riskju ta' ħarba, alternattivi għad-detenzjoni, raġunijiet ta' detenzjoni.

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha tinżamm għal perjodu qasir kemm jista' jkun u sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***29*** jiġu ssodisfati u jkun meħtieġ li jiġi żgurat ritorn b'suċċess.	1. Id-detenzjoni għandha tinżamm għal perjodu qasir kemm jista' jkun u sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***31a*** jiġu ssodisfati u jkun meħtieġ li jiġi żgurat ritorn b'suċċess.

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun jidher li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***29*** ma għadhomx jiġu ssodisfati, id-detenzjoni ma għandhiex tibqa' ġustifikata u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi rilaxxat. Dan ir-rilaxx ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tar-riskju ta' ħarba f'konformità mal-Artikolu 31.	2. Meta jkun jidher li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***31a*** ma għadhomx jiġu ssodisfati, id-detenzjoni ma għandhiex tibqa' ġustifikata u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi rilaxxat. Dan ir-rilaxx ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tar-riskju ta' ħarba f'konformità mal-Artikolu 31.

Or. en

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detenzjoni ma għandhiex taqbeż it-12-il xahar fi Stat Membru partikolari. Id-detenzjoni tista' tiġi estiża għal perjodu li ma jaqbiżx ***12-il xahar*** oħra fi Stat Membru partikolari fejn il-proċedura ta' ritorn x'aktarx li ddum aktar minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, jew dewmien fil-ksib tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn	3. Id-detenzjoni ma għandhiex taqbeż it-12-il xahar fi Stat Membru partikolari. Id-detenzjoni tista' tiġi estiża għal perjodu li ma jaqbiżx ***6 xhur*** oħra fi Stat Membru partikolari fejn il-proċedura ta' ritorn x'aktarx li ddum aktar minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, jew dewmien fil-ksib tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn pajjiżi

pajjiżi terzi.	terzi.

Or. en

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni***, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara***; jew	a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni; jew

Or. en

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti***, u mhux aktar tard minn 15 jum wara***. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-awtorità kompetenti li timmaniġġja l-faċilità ta' detenzjoni għandha tiżgura li d-detenuti jingħataw informazzjoni dwar id-dritt tagħhom li jikkuntattjaw lir-rappreżentanti legali.

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti għandu ***jkollhom*** il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. ***Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni***.	5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti għandu***, fuq talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ikollhom*** il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. ***Il-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom jallokaw ħin u żoni speċifiċi għall-għoti ta' tali assistenza legali. L-avukati jew persuni oħra kkwalifikati kif xieraq biex jipprovdu pariri u rappreżentanza legali, kif ammessi jew permessi skont id-dritt nazzjonali, jistgħu jistabbilixxu permanenzi fil-faċilità***.

Or. en

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom ***b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u b'lingwa li jifhmu***. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.	6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom ***f'konformità mal-Artikolu 24***. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq ***u b'kont meħud tal-aħjar*** interessi tat-tfal.	1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq***. L-aħjar*** interessi tat-tfal ***għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja fil-kuntest tad-detenzjoni tal-minorenni sakemm titwettaq it-tneħħija***.

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi tħejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni ***tal-età tagħhom*** u ***tal-ġeneru*** tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.	2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi tħejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, ***imfassal apposta għat-tfal*** u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni ***skont l-età*** u ***l-ġeneru*** tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.

Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli u minkejja l-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex ***fejn applikabbli,*** għandhom ***sistematikament u*** mingħajr dewmien żejjed jibdew il-proċedura ta' riammissjoni.	1. Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli u minkejja l-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex għandhom mingħajr dewmien żejjed jibdew il-proċedura ta' riammissjoni. ***Għall-applikazzjonijiet ta' riammissjoni msemmija fil-paragrafu 2, għandha tintuża l-formola standard ta' riammissjoni stabbilita fl-Anness [II].***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma' dan ir-Regolament għandu jiżdied Anness għall-formola standard ta' riammissjoni.

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun meħtieġ li ***jinkiseb*** dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jippreżentaw*** applikazzjoni tar-riammissjoni. ***Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni għandha tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar. L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom jiġu ppreżentati mingħajr dewmien u fejn ikun possibbli bl-użu ta' formola standard skont il-paragrafu 6***.	2. Meta jkun meħtieġ li ***tinkiseb konferma tan-nazzjonalità jew*** dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibdew ***il-proċedura ta' riammissjoni billi jippreżentaw*** applikazzjoni ta' riammissjoni ***u jużaw il-formola stabbilita fl-Anness [II]***.
	Or. en

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreżentaw it-talba għal dokument tal-ivvjaġġar separatament fejn ikun preferibbli għal raġunijiet legali jew operazzjonali, inkluż minħabba d-durata tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar li għandu jinħareġ u n-nuqqas ta' disponibbiltà taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirċievi d-dokument tal-ivvjaġġar immedjatament wara l-konferma tan-nazzjonalità.*** Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[29].	3. Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[29].
[29] Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-	[29] Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-

ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).	ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).

Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49(2) sabiex tiddetermina l-formola standard li għandha tintuża biex jiġu ppreżentati (check t/out) l-applikazzjonijiet tar-riammissjoni (check t/out) msemmija fil-paragrafu 2. Din il-formola standard għandha tistabbilixxi:	***imħassar***
a. il-format għall-applikazzjonijiet tar-riammissjoni;	
b. l-elementi ta' applikazzjoni tar-riammissjoni inkluża t-talba għal konferma tan-nazzjonalità u t-talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar.	

Or. en

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-proċedura ta' riammissjoni f'pajjiżi terzi għandha tkun appoġġata minn uffiċjali ta' kollegament tal-Unjoni	7. Il-proċedura ta' riammissjoni f'pajjiżi terzi għandha***, kull meta jkun possibbli,*** tkun appoġġata minn uffiċjali ta'

għar-ritorn iddedikati, li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni. Dawn l-uffiċjali ta' kollegament għandhom ikunu parti mill-istruttura tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u għandhom jikkoordinaw mill-qrib mal-Kummissjoni fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni.

kollegament tal-Unjoni għar-ritorn iddedikati, li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni. Dawn l-uffiċjali ta' kollegament għandhom ikunu parti mill-istruttura tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u għandhom jikkoordinaw mill-qrib mal-Kummissjoni fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***7a. Kwalunkwe nuqqas min-naħa ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw għall-finijiet tar-riammissjoni u tar-riintegrazzjoni taċ-ċittadini tagħhom għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni bħala parti mill-valutazzjoni annwali dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi bħal dwar il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].* *[1a] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: 2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).* Or. en

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 37	***imħassar***
Komunikazzjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti	
1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni.	
2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati.	

Or. en

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu użu mill-mezzi xierqa kollha ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta'*** informazzjoni ***biex jimplimentaw*** dan ir-Regolament.	1. L-Istati Membri għandhom***, fuq talba, jiskambjaw*** informazzjoni ***rigward persuna li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta'*** dan ir-Regolament ***għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn, il-proċedura ta' riammissjoni u l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni***. ***Dik l-informazzjoni għandha tiġi skambjata biss permezz tas-Sistemi tal-Informazzjoni tal-UE msemmija fl-Artikolu 4(15) tar-Regolament (UE) 2019/818[1a] jew permezz ta' informazzjoni supplimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860.***
	1a Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20

ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).

Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minkejja l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-mezzi xierqa kollha ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni biex jimplimentaw dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq fuq it-talba ta' Stat Membru u ***jista'*** jitwettaq biss bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.	2. ***F'każijiet bħal dawn,*** l-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq fuq it-talba ta' Stat Membru u ***għandu*** jitwettaq biss bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin, fuq talba, informazzjoni rigward persuna fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn, il-proċedura ta' riammissjoni u l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
***4. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tkun tista' tiġi skambjata permezz tas-Sistemi ta' Informazzjoni tal-UE msemmija fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] jew permezz ta' informazzjoni supplimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860, din l-informazzjoni għandha tiġi skambjata biss permezz ta' dawk il-mezzi**.*	***imħassar***

[30] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu ***3*** għandha tinkludi b'mod partikolari:	6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu ***1*** għandha tinkludi b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, fejn applikabbli, l-identità tal-membri tal-familja tiegħu, qraba u kwalunkwe relazzjoni oħra tal-familja***, b'mod partikolari l-kunjom(ijiet)***; ***l-isem/ismijiet; fejn xieraq, l-isem/ismijiet preċedenti u l-isem/ismijiet ieħor/oħrajn (psewdonimu/i); id-data, il-post u l-pajjiż tat-twelid; is-sess;***	a. informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, fejn applikabbli, l-identità tal-membri tal-familja tiegħu, qraba u kwalunkwe relazzjoni oħra tal-familja;

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358***, b'mod partikolari l-immaġni(jiet) tal-wiċċ***; ***id-data dattiloskopika; id-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika; in-numru ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini;***	b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358;

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. informazzjoni relatata man-nazzjonalità u d-dokument(i) tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet attwali u n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet preċedenti***; ***it-tip, l-għadd u l-pajjiż tal-ħruġ (tad-dokument/i tal-ivvjaġġar; id-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza tad-dokument/i tal-ivvjaġġar;***	c. informazzjoni relatata man-nazzjonalità u d-dokument(i) tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari dwar id-dettalji tat-titjira***; ***arranġamenti oħra tal-ivvjaġġar;***	f. informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

indikazzjoni ta' jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex persuna partikolarment perikoluża li teħtieġ arranġamenti speċifiċi matul l-operazzjoni ta' ritorn; informazzjoni relatata mal-iskorta;

Or. en

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż tar-ritorn, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell tal-edukazzjoni, id-diplomi***;	g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-informazzjoni skambjata ***tista'*** tintuża biss għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu ***3***. F'kull Stat Membru, din l-informazzjoni ***tista'***, skont it-tip tagħha u s-setgħat tal-awtorità riċevitriċi, tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji fdati bil-proċedura ta' ritorn, il-proċedura ta' riammissjoni jew l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.	8. L-informazzjoni skambjata ***għandha*** tintuża biss għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu ***1***. F'kull Stat Membru, din l-informazzjoni ***għandha***, skont it-tip tagħha u s-setgħat tal-awtorità riċevitriċi, tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji fdati bil-proċedura ta' ritorn, il-proċedura ta' riammissjoni jew l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' kundanni kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni ***u riintegrazzjoni***	Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' kundanni kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni msemmija fl-Artikolu 36;	***imħassar***

Or. en

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. It-trasferimenti lejn pajjiżi terzi ta' data relatata ma' kundanni kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu soġġetti għal test strett tan-neċessità u ma għandhomx iwasslu għall-għoti jew l-eżekuzzjoni ta' piena tal-mewt jew kwalunkwe forma ta' trattament krudili u inuman.

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***,*** ***inkluż għad-detenzjoni***;	c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn***, ir-riammissjoni*** u ***r-riintegrazzjoni*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.	d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn u ***r-riammissjoni*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. ***korpi, uffiċċji*** u ***aġenziji*** tal-Unjoni ***li jappoġġaw*** skont l-Artikolu 43(4) u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.	f. ***Appoġġ finanzjarju mill-Unjoni u appoġġ operazzjonali mill-korpi, l-uffiċċji*** u ***l-aġenziji*** tal-Unjoni***, b'mod partikolari l-appoġġ tal-Frontex,*** skont l-Artikolu 43(4), u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.

Or. en

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) ***2024/1351***, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[32] u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.	2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) ***2024/1349***, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Unjoni u l-Istati Membri	3. L-Unjoni u l-Istati Membri

għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, ***kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni,*** filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.	għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.
	Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq li jkun irċieva gwida biex jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament.	2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq li jkun irċieva gwida biex jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament ***kif ukoll riżorsi suffiċjenti għall-iżvilupp ta' sistemi diġitali sħaħ għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 42(1d)***.
	Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini ta' sistemi mħejjija sew u ppjanar ta' kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE)	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti biex jipprovdu alternattivi għad-detenzjoni kif ukoll*** livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini

2024/1351.	ta’ sistemi mħejjija sew u ppjanar ta’ kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1351.

Or. en

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. jitmexxa jew jiġi appoġġat id-djalogu ta’ politika u l-iskambji mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi għall-fini li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;	c. jitmexxa jew jiġi appoġġat id-djalogu ta’ politika u l-iskambji mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi għall-fini li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni ***meta dan ma jkunx possibbli mill-Istat Membru tal-infurzar***;

Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-identità ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u l-kisba ta’ dokument tal-ivvjaġġar validu;	d. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-identità ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u l-kisba ta’ dokument tal-ivvjaġġar validu ***meta dan ma jkunx possibbli mill-Istat Membru tal-infurzar***;

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. jiġi organizzat, f'isem l-Istat Membru li qed ***jagħmel*** it-talba, l-arranġament prattiku għall-infurzar tar-ritorn;	e. jiġi organizzat, f'isem l-Istat Membru li qed ***jagħmel*** it-talba, ***meta dan ma jkunx possibbli mill-Istat Membru tal-infurzar,*** l-arranġament prattiku għall-infurzar tar-ritorn;

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti ***sallokati*** jew appoġġati mill-Frontex, inklużi uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.	1. L-Istati Membri ***għandhom*** jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti ***allokati*** jew appoġġati mill-Frontex, inklużi uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tiġi pprovduta wkoll qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tiġi pprovduta wkoll qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348***, biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jafu dwar l-obbligi tagħhom li jikkooperaw***.

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz. ***Il-konsulenza dwar ir-riintegrazzjoni għandha tkun disponibbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fil-paragrafu 5.***

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qed jirritorna volontarjament***, *jew ikunx soġġett għal tneħħija***;	b. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qed jirritorna volontarjament;

Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali*;*	d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali***, f'liema każ iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun intitolat għal appoġġ għar-riintegrazzjoni***.

Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Kapitolu IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kapitolu VIIIa
	Artikolu 46a
	Emendi għar-Regolament (UE) 2019/1896
	Ir-Regolament (UE) 2019/1896 huwa emendat kif ġej:
	(1) fl-Artikolu 10(1), il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"(o) Jiġi stabbilit il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet skont l-Artikolu 51";
	(2) L-Artikolu 51 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 51 Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet
	1. Sabiex timmonitorja r-rispett għad-drittijiet fundamentali matul it-tneħħija, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet taħt il-ġestjoni tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali.

2. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet għandu jkun magħmul minn segretarjat iddedikat u riżerva ta' kontrolluri indipendenti tar-ritorn furzat tal-Aġenzija li jissostitwixxu r-riżerva eżistenti ta' kontrolluri tar-ritorn furzat. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet għandu jkun kompetenti biex iwettaq attivitajiet ta' monitoraġġ tar-ritorn furzat f'konformità mal-Artikolu 15 ta' [dan ir-Regolament emendatorju]. Il-kontrolluri tar-ritorn furzat b'kompetenza esperta speċifika fil-protezzjoni tat-tfal għandhom jiġu inklużi fir-riżerva.

3. L-Aġenzija għandha tiżgura mezzi umani u finanzjarji xierqa biex tiżgura li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.

4. Il-kontrolluri tar-ritorn furzat għandhom ikunu soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg u għandhom ikunu indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom.

5. Il-FRA għandha toħroġ gwida ġenerali u għandha tiġi kkonsultata regolarment dwar il-funzjonament tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet, inkluż dwar il-metodoloġija ta' monitoraġġ tagħha. Il-FRA għandha tipprovdi taħriġ regolari lill-kontrolluri tar-ritorn furzat.";

(3) fl-Artikolu 65(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-għadd ta' membri tal-persunal li kull Stat Membru jkun impenja fil-korp permanenti, inkluż permezz tar-riżerva għal reazzjoni rapida;";

(4) fl-Artikolu 109(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jinnomina osservaturi tad-drittijiet fundamentali bħala kontrolluri tar-ritorn furzat għall-Mekkaniżmu Ewropew ta'

Monitoraġġ għat-Tneħħijiet imsemmi fl-Artikolu 51;";

(5) fl-Artikolu 110, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-osservaturi tad-drittijiet fundamentali għandhom jiġu nnominati mill-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali bħala kontrolluri tar-ritorn furzat għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Monitoraġġ għat-Tneħħijiet imsemmi fl-Artikolu 51.".

Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti ***perijodi*** għal stħarriġ ġudizzjarju ***li jkunu itwal minn dawk previsti fl-Artikolu 33(3)*** u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).	1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti ***perjodi itwal*** għal stħarriġ ġudizzjarju u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).

Or. en

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1- punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ca. l-għadd ta' każijiet li fihom il-Frontex ma appoġġatx fil-proċedura ta' ritorn jew ta' tneħħija u r-raġunijiet għal dan.

Or. en

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 9(1) għandu japplika minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 9(1) qabel id-data msemmija fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE waslet fil-mument opportun. Bl-implimentazzjoni tal-Patt f'Ġunju 2026, dan ir-Regolament iservi bħala l-aħħar att leġiżlattiv ewlieni li għandu l-għan li jindirizza l-migrazzjoni illegali fl-Unjoni Ewropea filwaqt li jitqiesu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. Mingħajr sistema li tiffunzjona dwar ir-ritorni, il-qafas Ewropew tal-migrazzjoni qatt ma jista' jopera b'mod effettiv.

Bħalissa, abbażi tad-data disponibbli, madwar 20 fil-mija biss tal-applikanti għall-ażil irrifjutati fil-fatt jiġu rritornati lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Din is-sitwazzjoni hija inkwetanti ħafna, peress li ddgħajjef kemm il-fiduċja tal-pubbliku kif ukoll l-appoġġ għall-politiki komuni tagħna dwar il-migrazzjoni. Barra minn hekk, għandha l-konsegwenza mhux intenzjonata li tħalli refuġjati ġenwini, dawk verament fil-bżonn ta' protezzjoni, barra fil-kesħa kif ukoll dawk li jemigraw għal raġunijiet oħra permezz ta' perkorsi legali.
Waħda mir-raġunijiet ewlenin għal dan in-nuqqas tinsab fil-qafas legali skadut, li jmur lura għall-2008. Sar tentattiv preċedenti biex tiġi riveduta din id-direttiva, iżda sfortunatament dan ma wassalx għal eżitu ta' suċċess minħabba pożizzjoni tal-Parlament nieqsa. Dan juri b'mod ċar il-ħtieġa urġenti ta' approċċ aktar effettiv, rapidu u modern.
L-uniku mod biex tiġi żgurata sistema ta' ritorn ta' suċċess, rapida u effiċjenti huwa li tiġi indirizzata fil-livell Ewropew. L-Istati Membri jikkondividu responsabbiltà kollettiva biex jikkontribwixxu għal dan l-isforz, peress li din hija sfida li taffettwana lkoll. Ir-rapporteur żamm dan f'moħħu waqt li kien qed ikompli jabbozza l-proposta.

Approċċ Ewropew
Minħabba l-importanza ta' approċċ verament Ewropew, huwa utli li nibdew bl-aktar bidla sinifikanti meta mqabbla mal-qafas attwali, jiġifieri r-rikonoxximent reċiproku obbligatorju bejn l-Istati Membri. B'dan l-obbligu l-ġdid, għandna l-għan li nipprevjenu żieda fil-movimenti sekondarji u li nnaqqsu l-piż amministrattiv għall-Istati Membri, peress li mhux se tkun meħtieġa proċedura kompletament ġdida. Dan se jħaffef il-proċessi ta' ritorn fl-Unjoni kollha. Sabiex tkompli titnaqqas il-pressjoni fuq l-Istati Membri, minħabba dan ir-rapport il-Frontex se jkollha rwol akbar fil-proċedura ta' ritorn, bl-obbligu li għadu kif ġie introdott fuq l-Istati Membri li jitolbu l-appoġġ tal-Frontex fil-proċess ta' ritorn. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jibnu wkoll fuq il-valutazzjonijiet ta' xulxin, li se jkunu aċċessibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). Eżempju ta' valutazzjoni bħal din huwa l-valutazzjoni tal-età magħrufa sew.
Ir-rikonoxximent reċiproku diġà ġie introdott mill-Kummissjoni. Madankollu, fil-fehma tar-rapporteur, ikun ħafna aktar effiċjenti li jiġi permess bidu immedjat tar-rikonoxximent b'ordni standard ta' ritorn, u b'implimentazzjoni sħiħa fl-Istati Membri kollha wara sena. Dan il-perjodu tranżitorju se jipprovdi lill-Istati Membri biżżejjed żmien biex jadattaw u jallinjaw is-sistemi nazzjonali tagħhom kif xieraq.

Dan l-approċċ Ewropew jinkludi wkoll il-proċedura ta' riammissjoni li għadha kif ġiet introdotta. L-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni pprovda punt tat-tluq solidu. Madankollu, fl-opinjoni tar-rapporteur, hemm riskju li l-livell estensiv ta' dettall joħloq piż amministrattiv

addizzjonali. Għalhekk, l-approċċ propost f'dan l-abbozz joffri soluzzjoni simplifikata u aktar razzjonalizzata permezz ta' formola ta' applikazzjoni standardizzata, aċċessibbli permezz tal-SIS. Din il-formola se jkollha tintuża biss meta jkun meħtieġ. Bl-introduzzjoni ta' mudell komuni, Stati Membri oħra se jkunu jistgħu jikkonsultaw il-proċeduri li għaddejjin aktar faċilment, u b'hekk dan jiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku.
L-abbozz jenfasizza u jintroduċi l-obbligu l-ġdid li l-pajjiżi terzi jikkooperaw fir-riammissjoni, speċjalment fir-rigward tad-dokumenti ta' identifikazzjoni u tal-ivvjaġġar. In-nuqqas ta' kooperazzjoni se jiġi vvalutat mill-Kummissjoni u se jkollu l-konsegwenzi meħtieġa peress li jwassal għal dewmien bla bżonn fil-proċedura iżda juri wkoll nuqqas ta' fiduċja bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz speċifiku. Il-Kummissjoni ma ttrattatx dan minkejja li huwa element fundamentali tal-leġiżlazzjoni.

Ritorn volontarju
L-abbozz jagħti prijorità lir-ritorn volontarju minflok ir-ritorn furzat għall-kuntrarju tal-proposta tal-Kummissjoni. Huwa ċar li r-ritorn volontarju huwa aktar sostenibbli, effettiv u effiċjenti. Sabiex jiġu intensifikati l-benefiċċji tar-ritorn volontarju, f'dan l-abbozz mhuwiex possibbli, ħlief meta jkun hemm theddida għas-sigurtà, li tingħata projbizzjoni fuq id-dħul meta xi ħadd jitlaq volontarjament u b'mod konformi mal-liġi. Barra minn hekk, l-appoġġ għar-riintegrazzjoni huwa possibbli biss f'dawn il-każijiet ta' ritorni volontarji. Dawn il-bidliet kollha għandhom l-għan li jżidu r-ritorn volontarju bħala għażla primarja. Iżda minkejja li r-ritorn volontarju huwa l-mod preferut għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu, it-tneħħija għadha parti importanti mir-Regolament. Speċjalment peress li n-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri jista' jirriżulta f'dewmien bla bżonn u piż żejjed fuq is-sistema. Ir-regolament kollu jiffoka fuq ir-ritorn, għalhekk meta r-ritorn volontarju ma jkunx possibbli jew iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx se jikkoopera/ma jkunx qed jikkoopera, it-tneħħija tibqa' possibbiltà li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma ta' theddida għas-sigurtà, it-tneħħija għandha dejjem tkun possibbli biex tinżamm is-sikurezza fil-fruntieri ta' Schengen.

Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim
Minħabba l-importanza li wieħed fil-fatt jirritorna lil xi ħadd barra mill-fruntieri ta' Schengen, l-għażla proposta mill-Kummissjoni għar-ritorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim għadha fuq il-mejda. Ma setax ma jiġix osservat li l-proposta għal dan qajmet tħassib sinifikanti. Madankollu, din tirrifletti xewqa wiesgħa fost l-Unjoni Ewropea peress li tista' tkun salvagwardja għall-Istati Membri fl-indirizzar tal-migrazzjoni illegali u sservi bħala inċentiv siewi biex jitħeġġu r-ritorni volontarji preferuti jew il-kooperazzjoni. Jeħtieġ li tinħoloq sistema sostenibbli li taħdem fuq bażi ta' żmien twil.
Iżda r-ritorn lejn pajjiż terz li miegħu hemm ftehim jista' jsir biss b'dispożizzjonijiet stretti. L-abbozz iqis b'mod aktar suffiċjenti s-salvagwardji, u tali miżuri jistgħu jiġu implimentati biss bħala l-aħħar alternattiva. Sabiex jiġi żgurat li dan iservi biss bħala l-aħħar alternattiva, ġiet introdotta ġerarkija ġdida fl-Artikolu 4. Barra minn hekk, il-minorenni u l-familji b'minorenni jibqgħu eskluži miċ-ċentri ta' ritorn.
Fl-aħħar nett, filwaqt li huwa possibbli li dan jiġi rregolat biss fil-livell tal-Istati Membri bil-flessibbiltà li jifdal, f'dan l-abbozz tiżdied preferenza aktar ċara għal approċċ fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

Drittijiet fundamentali, dritt għall-informazzjoni u monitoraġġ
Is-sitt, peress li d-drittijiet fundamentali huma kruċjali fl-Unjoni Ewropea kollha, dan jitwessa' aktar f'dan l-abbozz. Minkejja l-obbligu li nirritornaw, jeħtiġilna ma ninsewx il-fatt li fl-aħħar

mill-aħħar qed nitkellmu dwar nies. Għalhekk, il-prinċipju ta' non-refoulement irid jiġi rrispettat fl-abbozz kollu.
Fl-istess ħin, huwa essenzjali li kwalunkwe miżura adottata skont din il-leġiżlazzjoni tibqa' proporzjonata u kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali.

Bħala s-seba' punt, u marbut mill-qrib mas-salvagwardji u l-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, f'dan l-abbozz tingħata attenzjoni speċjali lid-dritt għall-informazzjoni. Huwa essenzjali li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u li tinftiehem mill-bidu sal-aħħar tal-proċedura. Mingħajr informazzjoni suffiċjenti, huwa impossibbli għall-persuna kkonċernata li tikkoopera. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom iżżid il-probabbiltà li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fil-proċess. Qed issir introduzzjoni ġdida ta' fuljetti faċli għal persuni bi ftit ħiliet fil-kitba u l-qari jew l-ebda minnhom, biex jiġi żgurat li jirċievu wkoll informazzjoni preċiża u jkunu jistgħu jifhmuha.

L-iżvilupp ta' sistema xierqa ta' monitoraġġ ukoll jistħoqqlu aktar attenzjoni, prinċipalment għal żewġ raġunijiet. Minn naħa, minħabba li dan huwa regolament, u l-viżjoni Ewropea għandha tissaħħaħ aktar f'konformità mal-bqija ta' dan l-abbozz. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-għażliet ta' ritorn jitwessgħu, u rridu niżguraw li t-tneħħijiet ikunu sostenibbli u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali. Għalhekk, sistema ta' monitoraġġ verament Ewropea, effettiva u konsistenti fil-Frontex hija essenzjali minflok ma titħalla f'idejn l-Istati Membri. Billi nagħmluha aktar ċentralizzata, hemm ħarsa ġenerali ċara lejn il-proċess kollu ta' ritorn u l-importanza tar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

L-obbligu ta' kooperazzjoni
Minħabba l-enfasi akbar fuq ir-ritorn volontarju, tingħata biżżejjed attenzjoni lill-obbligu ta' kooperazzjoni, bħal fil-proposta tal-Kummissjoni. Tabilħaqq, qed jiġu pprovduti miżuri addizzjonali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn, inkluż l-għoti ta' informazzjoni mtejba, l-assistenza fil-proċess ta' ritorn, u l-appoġġ għar-riintegrazzjoni. Jekk individwu xorta waħda jonqos milli jikkoopera, japplikaw ukoll ċerti konsegwenzi li jinsabu f'dan l-abbozz. Mingħajr dawn il-miżuri, is-sistema tibqa' ineffettiva, u ma nkunux nistgħu naqbżu r-rata ta' ritorn attwali ta' madwar 20 fil-mija. B'dan il-mod, il-qafas isir aktar ibbilanċjat u effettiv.
Dawn il-konsegwenzi huma proporzjonati u ġusti fil-kuntest tal-proposta. F'dan l-abbozz ingħatat attenzjoni speċjali lill-alternattivi għad-detenzjoni biex jiġi żgurat li d-detenzjoni regolari tibqa' miżura tal-aħħar istanza. Din hija r-raġuni għaliex l-ordni fir-Regolament inbidlet. Wara kollox, l-istatistika turi li d-detenzjoni hija effettiva biss f'każijiet li fihom persuna tista' tiġi rritornata malajr, u b'hekk tiżgura l-effiċjenza tal-proċess ta' ritorn u tgħin biex jiġi pprevenut piż żejjed fuq is-sistema. Barra minn hekk, f'dan l-abbozz, it-tul ta' żmien tad-detenzjoni jerġa' lura għat-tul ta' żmien magħruf fid-Direttiva attwali minħabba riżultati pożittivi. Dan, naturalment, ma japplikax għal individwi li jikkostitwixxu riskju għas-sigurtà. Madankollu, id-detenzjoni għadha meħtieġa, speċjalment f'każijiet li fihom ikun hemm riskju ta' ħarba. Dan ifisser li d-detenzjoni għall-minorenni u għall-familji b'minorenni għandha tibqa' possibbli biex jiġi miġġieled l-użu abbużiv tal-minorenni.

Projbizzjonijiet fuq id-dħul u d-dritt għal rimedju effettiv
In-novità f'dan l-abbozz hija l-introduzzjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul illimitata għal individwi li jippreżentaw riskju tant sinifikanti għas-sigurtà fl-Unjoni Ewropea, li huwa meħtieġ li qatt ma jkunu jistgħu jirritornaw lejn il-fruntiera ta' Schengen. Dan jgħodd għall-kriminali tal-gwerra u għat-terroristi. Dawn qatt ma għandu jkollhom post fis-soċjetà tagħna. Min-naħa l-oħra, l-estensjoni ta' projbizzjoni fuq id-dħul ma għadhiex possibbli minħabba

raġunijiet prattiċi iżda wkoll minħabba n-nuqqas ta' proporzjonalità. Minbarra l-projbizzjoni fuq id-dħul bla limitu u t-tħassir tal-estensjoni, ġew introdotti limiti ta' żmien massimi biex jiġi żgurat li l-projbizzjonijiet fuq id-dħul ikunu dejjem leġittimi, ġusti u kostruttivi. B'dan il-massimu, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu kemm tista' ddum il-projbizzjoni fuq id-dħul.

Bħala d-disa' punt, ingħatat attenzjoni partikolari lid-dritt għal rimedju effettiv. Kull ċittadin ta' pajjiż terz meħtieġ li jirritorna għandu d-dritt għal rimedju effettiv jekk iqis li l-proċedura ma tkunx qed titwettaq kif suppost jew jekk ikun hemm riskju ta' non-refoulement. Madankollu, dan ma jimplikax li sospensjoni awtomatika hija dejjem meħtieġa jew neċessarja f'kull każ. Dan l-effett sospensiv awtomatiku jista' jirriżulta f'dewmien, minkejja li r-riskju ta' non-refoulement kien diġà ġie vvalutat bir-reqqa matul il-proċedura inizjali, jew f'każijiet li fihom l-individwu qatt ma kien talab protezzjoni. Sabiex jiġi pprevenut dewmien possibbli bla bżonn, dan ir-rekwiżit tneħħa, filwaqt li xorta waħda ġiet ippreżervata l-possibbiltà li tiġi ppreżentata talba għal sospensjoni meta jkun meħtieġ u l-possibbiltà li jiġu riċevuti assistenza u rappreżentanza legali.

Kondiviżjoni ta' data

Fl-aħħar nett, kif rifless fl-abbozz, saret valutazzjoni pożittiva tar-regoli dwar il-kondiviżjoni tad-data. Regolament jipprovdi opportunità biex issir enfasi akbar fuq is-sikurezza tad-data li għandha tibqa' fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Bir-rikonoxximent reċiproku l-ġdid, huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jikkondividu d-data meħtieġa ma' xulxin fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. F'dan l-abbozz, il-kondiviżjoni tad-data bejn l-Istati Membri hija possibbli biss mal-awtoritajiet jew mal-awtoritajiet ġudizzjarji fdati bil-proċedura ta' ritorn. Barra minn hekk, mhux id-dettalji kollha proposti mill-Kummissjoni huma ta' valur miżjud, u trid tinżamm biżżejjed flessibbiltà.

Naturalment, il-kondiviżjoni u l-protezzjoni tad-data huma importanti wkoll għall-proċedura ta' riammissjoni u għall-kuntatt mal-pajjiżi terzi, fejn dan ikun parti minn relazzjoni ta' fiduċja. Mingħajr il-kondiviżjoni tad-data huwa impossibbli li tinbeda proċedura. Tingħata aktar attenzjoni lill-kondiviżjoni tad-data relatata ma' reati kriminali peress li din ma tridx twassal għall-għoti jew l-eżekuzzjoni ta' piena tal-mewt jew kwalunkwe forma ta' trattament krudili u inuman.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u huwa konvint li implimentazzjoni malajr li tallinja mal-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni hija possibbli meta kulħadd jerfa' r-responsabbiltà tiegħu.